# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 13 ta' Frar 2025

**Rik. Gur.Nru.: 330 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 19**

**JD**
**Vs**
**PD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JD datat 28 ta' Gunju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar is-sitta u ghoxrin (26) t' Awwissu tas-sena elf, disa' mija hamsa u disghin (1995), fil-Knisja tal-Kuncizzjoni Hamrun, Malta (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. A****).*

2. *Illi l-kontendenti kienu addottaw tifel bl-isem DD illi illum ghandu X sena (certifikat tat-twelied mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku f' Malta hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. B);***

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007), u dan skond kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil [minn hawn il-quddiem 'il* ***Kuntratt ta' Separazzjoni****'], liema kuntratt kien gie emendat permezz tal-att ippubblikat mill-istess Nutar Dr. Rachel Busuttil fil-hamsa u ghoxrin (25) ta'*

*Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) (kopja awtentikata tal-imsemmja kuntratti hawn annessa u rispettivament immarkati bhala* ***Dok. C*** *u* ***Dok D****);*

4. *Illi l-partijiet premessi kienu rispettivament iddekadew mid-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin, u dan kif jirrizulta mill-provvedimenti ta' klawsola numru (4) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni (Dok C anness);*

5. *Illi l-obbligu da parti tal-intimata illi thallas il-manteniment lill-esponent ghall-bzonnijiet tat-tifel DD ai termini ta' klawsola numru disgha (9) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni, kif sostitwita permezz tal-kuntratt ippubblikat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) (Dok D anness), illum spicca in kwantu l-imsemmi tifel ghandu erbgha u ghoxrin (24) sena;*

6. *Illi ma jissussistu l-ebda arretrati dovuti lill-esponenti minghand l-intimata in konnessjoni mal-manteniment illi kien minnha dovut kif fuq permess ghall-bzonnijiet tat-tifel tal-kontendenti;*

7. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

8. *Illi ghar-ragunijiet fuq premessi r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 ta' Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz- zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi hekk irregistrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' PD datata 9 ta' Jannar 2025 a fol 29 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti taqbel li bejn il-partijiet ma hemm ebda obbligu ta' manteniment naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet u taqbel wkoll li ma hemm ebda obbligu ta' manteniment jew arretrati fil-konfront tal-iben li illum ghandu hamsa u ghoxrin sena;*

*Illi l-esponenti taqbel wkoll li ma hemmx prospetti ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ghalhekk l-esponenti ma ghandhiex oggezzjoni li l-Qorti tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, b'dan illi l-ispejjez tal-proceduri ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent;*

*Illi finalment l-esponenti tiddikjara li hija tixtieq li izzomm kunjomha u cioe 'Debattista'.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti ma toggezzjonax ghal pronunzjament tal-hall taz-zwieg, taht kull provvediment li l-istess Onorabbli Qorti jogghobha timponi.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 19)** illi l-partijiet izzewgu nhar l-26 ta' Awwissu 1995. Fil-kors ta' dan iz-zwieg addottaw tifel, illum maggorenni. Xehed illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar it-3 ta' Mejju 2007 fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet (vide affidavit fol 28)** u kkonfermat u kkorraborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif***

***hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Awwissu 1995 liema zwieg jgib certifikat numru 1433/1995 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Fil-kors ta' dan iz-zwieg addottaw tifel, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil nhar it-3 ta' Mejju 2007 (Vide fol 6 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1433/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**